IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.7.2019
COM(2019) 311 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI

1. Introduzzjoni

1.1. L-isfond

Id-Direttiva 2014/62/UE[1] (minn hawn' il quddiem id-"Direttiva") dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, ġiet adottata fis-15 ta' Mejju 2014. L-Istati Membri kellhom idaħħlu fis-seħħ il-miżuri nazzjonali meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-Direttiva sal-23 ta' Mejju 2016.

Id-Direttiva ġiet adottata skont l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprovdi l-bażi legali biex jiġu stabbiliti *"regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fl-oqsma tal-kriminalità partikolarment gravi ta' dimensjoni transkonfinali li jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta' dawn ir-reati jew minn ħtieġa partikolari li jiġu miġġielda fuq bażi komuni"*.

Id-Direttiva tieħu post id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI[2] (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjoni Kwadru") dwar iż-żieda tal-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-falsifikazzjoni b'rabta mal-introduzzjoni tal-euro. (Ma teżistix traduzzjoni uffiċjali bil-Malti)

Id-Deċiżjoni Qafas li għandha l-għan li tissupplimenta, fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1929. Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tistabbilixxi regoli li jiżguraw li jkunu jistgħu jiġu imposti pieni kriminali serji u sanzjonijiet oħra għal reati ta' ffalsifikar u li fiha wkoll regoli dwar il-ġurisdizzjoni u l-kooperazzjoni. Minn mindu ġiet irratifikata l-Konvenzjoni ta' Ġinevra, li dwarha kien intlaħaq qbil fl-20 ta' April 1929, intlaħaq ċertu livell ta' approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kontra l-iffalsifikar tal-munita.

1.2. L-iskop u l-elementi ewlenin tad-Direttiva

Id-Direttiva tissupplimenta u tiffaċilita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra mill-Istati Membri filwaqt li tibni fuq id-Deċiżjoni Qafas, u taġġornaha, b'aktar dispożizzjonijiet dwar il-livell ta' sanzjonijiet, l-għodod investigattivi u l-analiżi, l-identifikazzjoni u l-iżvelar ta' karti u muniti tal-euro foloz matul il-proċedimenti ġudizzjarji.

Id-Danimarka u r-Renju Unit ma ħadux sehem fl-adozzjoni u mhumiex suġġetti għall-applikazzjoni tad-Direttiva, skont il-Protokoll 22 u l-Protokoll 21 rispettivament. L-Irlanda għażlet li tiġi inkluża fid-Direttiva.

[1] ĠU L151, 21.5.2014, p. 1.
[2] ĠU L140, 14.6.2000, p. 1.

Id-Direttiva hija applikabbli mhux biss għall-euro iżda wkoll għal muniti oħra, filwaqt li wħud mill-elementi tagħha huma applikabbli biss għall-euro (l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 10).

L-elementi ewlenin tad-Direttiva huma:

- il-kriminalizzazzjoni ta' bażikament tliet tipi ta' mġieba, jiġifieri l- "produzzjoni", id-"distribuzzjoni" u r-"reati preparatorji", bħall-produzzjoni tal-karatteristiċi tas-sigurtà (l-Artikolu 3);
- id-dispożizzjonijiet dwar il-pieni li jintroduċu sanzjoni massima ta' mill-inqas ħames snin għad-distribuzzjoni u sanzjoni massima ta' mill-anqas tmien snin għall-produzzjoni ta' munita falza (l-Artikolu 5);
- il-prinċipju tat-territorjalità u l-ġurisdizzjoni extraterritorjali (l-Artikolu 8);
- id-dispożizzjoni li tobbliga lill-Istati Membri jipprevedu l-possibbiltà li jintużaw ċerti għodod investigattivi (l-Artikolu 9);
- id-dispożizzjoni li tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li ċ-Ċentri Nazzjonali għall-Analiżi (NAC - National Analysis Centre) u ċ-Ċentri għall-Analiżi Nazzjonali tal-Muniti (CNAC - Coin National Analysis Centres) jkunu jistgħu janalizzaw il-flus foloz tal-euro anki waqt proċedimenti ġudizzjarji li jkunu għaddejjin għall-iskop li jinstabu aktar flus foloz (l-Artikolu 10) .

1.3. L-ambitu tar-Rapport

Ir-rapport jevalwa l-applikazzjoni tad-Direttiva skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva li jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-punt sa fejn l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw mad-Direttiva.

Id-deskrizzjoni u l-analiżi f'dan ir-rapport huma primarjament ibbażati fuq l-informazzjoni li l-Istati Membri pprovdew lill-Kummissjoni permezz ta' notifika ta' miżuri nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva[3].

Ir-rapport jiffoka fuq il-miżuri li l-Istati Membri ħadu s'issa biex jimplimentaw id-Direttiva permezz ta' traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tagħhom. Dan jivvaluta jekk l-Istati Membri implimentawx id-Direttiva fiż-żmien stipulat, u jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tilħaqx l-objettivi u tissodisfax ir-rekwiżiti tad-Direttiva.

Fil-mument tal-abbozzar ta' dan ir-rapport, l-Istati Membri kollha nnotifikaw it-traspożizzjoni bl-eċċezzjoni tal-Irlanda.

[3] Wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni tat-23 ta' Mejju 2016, kien hemm disa' Stati Membri li jew ma kienu kkomunikaw l-ebda miżura ta' traspożizzjoni jew li kienu kkomunikaw biss traspożizzjoni parzjali. Għalhekk, il-Kummissjoni bagħtet lil dawn l-Istati Membri Avviż ta' Tqegħid fil-Mora jew minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni jew minħabba komunikazzjoni parzjali.

2. Valutazzjoni ġenerali

L-objettiv ewlieni tal-Kummissjoni huwa li tiżgura li l-Istati Membri kollha jittrasponu r-rekwiżiti tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali tagħhom biex jiggarantixxu li jkun hemm miżuri effettivi u effiċjenti tal-liġi kriminali li jipproteġu l-euro u kull munita oħra li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun legalment awtorizzata b'mod xieraq fl-Istati Membri kollha.

Il-Kummissjoni bdiet tivvaluta l-konformità tal-miżuri nazzjonali mad-Direttiva hekk kif dawn ikunu ġew ikkomunikati mill-Istati Membri.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponew b'mod konformi l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva dwar il-kriminalizzazzjoni ta' ċerti reati, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 dwar il-pieni li jintroduċu sanzjoni massima ta' mill-inqas ħames snin għad-distribuzzjoni u sanzjoni massima ta' mill-inqas tmien snin għall-produzzjoni ta' munita falza kif ukoll id-dispożizzjoni tal-Artikolu 9 li tobbliga lill-Istati Membri jipprovdu għall-possibbiltà li jintużaw ċerti għodod investigattivi.

Madankollu, ġew innotati għadd ta' kwistjonijiet rikorrenti fejn tidħol it-traspożizzjoni:

- Fir-rigward tal-Artikolu 3(1)(d) tad-Direttiva dwar ir-reati preparatorji, ir-reati preparatorji ma ġewx trasposti fil-liġi nazzjonali bħala reati awtonomi (*sui generis*). Minflok, f'għadd ta' Stati Membri, ir-reati preparatorji tqiesu bħala attentat ta' reati ta' produzzjoni. Dan jimplika l-intenzjoni li r-reat tal-produzzjoni jitwettaq bħala element kostitwenti addizzjonali tar-reati preparatorji. Madankollu, id-Direttiva ma teħtieġx li jkun hemm dan l-element.
- Kwistjoni rikorrenti oħra - inqas frekwenti iżda importanti - isseħħ fir-rigward tat-traspożizzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar is-sanzjonijiet massimi minimi għar-reati definiti fl-Artikoli 3 u 4. Xi Stati Membri stabbilew - għall-kuntrarju tad-Direttiva - kategoriji separati ta' forom minuri/żgħar/jew mhux aggravati tar-reati definiti skont l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva, fejn il-pieni baqgħu taħt il-livell mitlub mid-Direttiva.
- Barra minn hekk, maġġoranza kbira tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ma ttrasponewx l-Artikolu 8(2)(b) tad-Direttiva li tirrikjedi li l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistabbilixxu ġurisdizzjoni f'każijiet fejn il-karti jew il-muniti tal-euro foloz ikunu nstabu fit-territorju tagħhom, iżda meta r-reati definiti fl-Artikoli 3 u 4 jitwettqu barra mit-territorju tagħhom.
- Barra minn hekk, maġġoranza kbira tal-Istati Membri ma ttrasponewx b'mod adegwat l-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar it-trażmissjoni ta' munita falza maqbuda liċ-Ċentri Nazzjonali għall-Analiżi (NAC)/Ċentru ta' Analiżi Nazzjonali tal-Muniti (CNAC). B'mod partikolari, id-dewmien fit-trasmissjoni ta' kampjuni tal-munita folza, l-identifikazzjoni tal-awtorità obbligata li titrasmettiha, u l-iskop tat-trasmissjoni (biex issir analiżi, ssir identifikazzjoni, u jinstabu aktar flus foloz) spiss ma jkunux ġew trasposti kif suppost.

- L-Artikolu 11 tad-Direttiva, dwar l-istatistika, ma kienet trasposta fi kważi l-ebda Stat Membru;

Minħabba l-kwistjonijiet ta' konformità msemmija hawn fuq u dawk imsemmija fit-taqsima 3, il-Kummissjoni se tieħu kull miżura xierqa, inkluż fejn meħtieġ billi tibda proċedimenti ta' ksur skont l-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex tiżgura l-konformità mad-Direttiva fl-Unjoni Ewropea kollha.

Fit-taqsima 3 hemm valutazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' traspożizzjoni biss għall-elementi tad-dispożizzjoni nnifisha. Kwistjonijiet ta' traspożizzjoni indiretta li jseħħu fir-rigward ta' dispożizzjonijiet kontroreferenzjati, bħar-referenza fl-Artikoli 4 u 5 għall-Artikolu 3, huma ttrattati skont id-dispożizzjonijiet kontroreferenzjati.

3. Punti speċifiċi ta' valutazzjoni

3.1. Definizzjonijiet (Artikolu 2)

L-Artikolu 2 jiddefinixxi t-termini "munita" u "persuna ġuridika" għall-finijiet tad-Direttiva. L-Istati Membri huma kollha konformi mad-definizzjonijiet ta' dawn it-termini. Fejn ma jkunux jeżistu definizzjonijiet espliċiti fil-liġi nazzjonali, jintuża t-terminu "munita" jew "flus" fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Għadd ta' Stati Membri jużaw it-terminu "flus" minflok "munita". Bl-istess mod, fir-rigward tat-terminu "persuna ġuridika" dan il-kunċett jeżisti fl-Istati Membri kollha u l-liġi nazzjonali tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tiddefinixxi t-terminu b'mod espliċitu. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jeskludu espliċitament l-istati, il-korpi pubbliċi fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat u l-organizzazzjonijiet pubbliċi internazzjonali mid-definizzjoni ta' "persuna ġuridika", f'konformità mad-Direttiva.

3.2. Reati (Artikolu 3)

L-Artikolu 3 jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw il-kriminalizzazzjoni tat-tliet tipi ewlenin ta' reati, jekk jitwettqu intenzjonalment:

1) Reati ta' "produzzjoni": L-Artikolu 3(1)(a) il-fabrikazzjoni frawdulenti tal-munita u l-alterazzjoni frawdolenti tal-munita.
2) Reati ta' "Distribuzzjoni": L-Artikolu 3(1)(b) it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni b'mod frawdulenti ta' munita falza; u (c) l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasport, li tirċievi jew tikseb munita falza bl-iskop li titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u bl-għarfien li hija falza.
3) Reati "preparatorji": L-Artikolu 3(1)(d) li tagħmel, tirċievi, tikseb jew ikollok (i) mezzi partikolarment addattat għall-iffalsifikar jew l-alterazzjoni tal-munita (ii) karatteristiċi ta' sigurtà.

Il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri kollha titlob li jrid ikun hemm l-intenzjoni biex jitwettaq reat skont id-Direttiva. Id-Direttiva ma tobbligax li l-Istati Membri jagħmlu punibbli ċerti il-forom tar-reat li jseħħu b'negliġenza. Il-liġi nazzjonali tal-ebda Stat Membru ma tinkludi forom negliġenti tar-reati deskritti taħt id-Direttiva.

3.2.1. Reati ta' produzzjoni — l-Artikolu 3(1)(a)

L-Artikolu 3(1)(a) jistipula li l-produzzjoni frawdulenti jew l-alterazzjoni tal-munita, ikun x'ikun il-mezz li jintuża, hija punibbli bħala reat kriminali.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew din id-dispożizzjoni b'mod konformi. Il-maġġoranza tal-Istati Membri ma ttrasponewx espliċitament il-kliem tad-Direttiva: għall-ewwel element, "fabrikazzjoni", intużaw is-sinonimi li ġejjin: tiffalsifika, tagħmel tixbieħa, tiġbed munita falza, tipproduċi, timita u tirripproduċi. F'xi każijiet, l-element "alterazzjoni" ġie traspost bħala: tiffalsifika, tagħmel falsifikazzjoni, tagħmel tixbiħa. F'xi każijiet, intuża biss terminu wieħed ġenerali li jinkludi ż-żewġ azzjonijiet, bħal iffalsifikar, il-manifattura.

Xi Stati Membri żiedu element ta' intenzjoni diretta għal azzjoni ulterjuri mal-elementi kostitwenti tal-att kriminali nazzjonali. Dawn l-Istati Membri jitolbu - flimkien mal-iffalsifikar tal-munita - l-intenzjoni li "l-munita falza titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni bħala reali u mhux mibdula", "(il-munita falza) tiġi ċċirkolata daqs li kieku kienet ġenwina jew valida", "li tiġi mgħoddija lil terzi bħala valuta legali", "(il-munita falza) tiġi ċċirkolata", "tintuża daqs li kieku kienet leġittima u awtentika", "it-tqegħid tagħha fiċ-ċirkolazzjoni" u "it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni".

Ġew identifikati żewġ kwistjonijiet ta' traspożizzjoni: Stat Membru wieħed ikkriminalizza biss il-valuri fuq skala kbira tal-munita falza (valur ta' 10 darbiet aktar mill-paga minima ta' kull xahar f'dak l-Istat Membru). Stat Membru ieħor ikkriminalizza biss l-alterazzjoni tal-munita fejn dan jirriżulta f'valur ogħla.

3.2.2. Reati ta' distribuzzjoni — l-Artikolu 3(1)(a)

Skont l-Artikolu 3(1)(b), iċ-ċirkolazzjoni b'qerq tal-munita falza hija punibbli bħala reat kriminali jekk titwettaq intenzjonalment.

Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew din id-dispożizzjoni tad-Direttiva. F'ħafna Stati Membri, it-terminoloġija użata fil-liġijiet li jittrasponu tvarja kemm kemm mid-Direttiva: minflok "iċ-ċirkolazzjoni" frekwenti, jintuża t-terminu "tqegħid" jew "tiddaħħal fiċ-ċirkolazzjoni". Stati Membri oħra użaw it-termini "tinvolvi ruħha fi'" u "tittrasferixxi", "tiddistribwixxi", jew "tuża".

Hemm kwistjonijiet ta' traspożizzjoni fil-każ ta' żewġ Stati Membri: Stat Membru wieħed jillimita l-kriminalizzazzjoni għal każijiet fejn il-munita falza li titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u l-awtur ikun jaf li jkun kiseb munita falza qabel ma dan iqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni. Din hija kundizzjoni addizzjonali li tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni li wkoll lanqas

ma tista' tiġi ġġustifikata bħala li hija koperta mill-opzjoni skont l-Artikolu 5(5). Fi Stat Membru ieħor, il-kriminalizzazzjoni hija kondizzjonali fuq li l-valur ta' munita falza distribwita jkun jammonta għal mill-inqas 10 salarji minimi.

3.2.3. Reati ta' distribuzzjoni — l-Artikolu 3(1)(c)

Skont l-Artikolu 3(1)(c) l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasportazzjoni, li tirċievi jew tikseb munita falza bl-iskop li tqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni u bl-għarfien li hija falza, huma reati punibbli bħala reat kriminali jekk jiġu kommessi intenzjonalment.

Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew din id-dispożizzjoni. Il-ħafna elementi tad-dispożizzjoni mhumiex dejjem trasposti b'mod letterali jew espliċitu. Minflok, f'ħafna każijiet, jintuża lingwaġġ differenti jew terminoloġija usa' li tinkludi bosta mill-azzjonijiet individwali deskritti fid-Direttiva.

Hemm kwistjoni ta' konformità fil-każ ta' tliet Stati Membri fejn l-elementi ta' importazzjoni, esportazzjoni, riċeviment u ksib ma huma koperti xejn.

Ir-rekwiżit li biex reat jitwettaq irid ikun "bl-għarfien li huma foloz" ġie traspost b'mod espliċitu f'żewġ Stati Membri. Fl-Istati Membri l-oħra dan l-element huwa dedott mill-kuntest usa' li jqis ukoll id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-liġi penali nazzjonali.

3.2.4. Reati preparatorji — l-Artikolu 3(1)(d)

Skont l-Artikolu 3(1)(d) il-fabbrikazzjoni, ir-riċeviment, il-kisba jew il-pussess ta' (i) strumenti, artikoli, programmi tal-kompjuter u *data*, u kwalunkwe mezz ieħor partikolarment adattat għall-iffalsifikar jew l-alterazzjoni tal-munita; (ii) jew karatteristiċi ta' sigurtà, bħal ologrammi, marki tal-ilma jew komponenti oħrajn tal-munita li jservu biex jipproteġu kontra l-iffalsifikar, huma punibbli bħala reat kriminali jekk jitwettqu intenzjonalment.

Id-Direttiva tirrikjedi li r-reati preparatorji skont l-Artikolu 3(1)(d) jiġu trasposti bħala reati awtonomi, li jfisser li ma jistgħux jiġu koperti minn xi dispożizzjoni ġenerali dwar l-għajnuna, l-assistenza, it-tentattiv jew l-inċitament jew b'xi referenza għar-reati ewlenin stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva. Tnax-il Stat Membru ma ttrasponew l-ebda wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 3(1)(d) tad-Direttiva bħala reati awtonomi, iżda jirrikjedu li r-reati ewlenin ta' produzzjoni u distribuzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3 jitwettqu wkoll. Stat Membru wieħed ma ttraspona xejn l-Artikolu 3(1)(d).

Fir-rigward tad-dispożizzjoni li "b'mod frawdulenti tagħmel, tirċievi, tikseb jew ikollok" (flus foloz), hemm kwistjonijiet f'żewġ Stati Membri għaliex f'każ minnhom, l-elementi ta' li "tirċievi jew tikseb" mhumiex koperti għal kollox bit-terminu li "tikseb għalik innifsek" u fit-tieni każ, dawn l-elementi ma jissemmew xejn fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u ma jistgħux jiġu dedotti.

Minbarra l-kwistjoni tan-nuqqas ta' traspożizzjoni tal-Artikolu 3(1)(d) tad-Direttiva bħala reati awtonomi, xi Stati Membri għandhom kwistjonijiet oħra rigward l-inċiż (i) tal-Artikolu 3(1)(d).

3.2.5. Użu ta' faċilitajiet legali -Artikolu 3(2)

Skont l-Artikolu 3(2), ir-responsabbiltà kriminali ta' kondotta kif imsemmija fl-Artikolu 3(1)(a), (b), (c) hija estiża għal każijiet fejn jintużaw faċilitajiet jew materjali legali għall-manifattura tal-munita, iżda jkunu nkisru drittijiet jew kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu karti jew muniti.

Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponew din id-dispożizzjoni, il-biċċa l-kbira b'mod espliċitu, erba' Stati Membri ma ttrasponewx din id-dispożizzjoni. Għadd ta' miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali ta' Stati Membri oħra m'humiex ċari peress li ma ssir l-ebda referenza għall-ksur tad-drittijiet jew tal-kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu karti jew muniti jew mingħajr referenza għal kull kondotta speċifikata fl-Artikolu 3(1)(a), (b) u (c) tad-Direttiva. Xi Stati Membri – għall-kuntrarju tad-Direttiva – jillimitaw ir-responsabbiltà kriminali għall-imġiba ta' persuni li jkunu awtorizzati jipproduċu munita legali.

3.2.6. Karti u muniti li jkunu għadhom ma nħarġux - l-Artikolu 3(3)

Skont l-Artikolu 3(3) il-forom kollha ta' kondotta speċifikati fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva għandhom ikunu punibbli wkoll fir-rigward ta' karti tal-flus u muniti li jkunu għadhom ma nħarġux, iżda li jkunu lesti biex jiġu ċċirkolati bħala valuta legali.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew din id-dispożizzjoni, fil-maġġoranza b'mod espliċitu. Ħames Stati Membri ma ttrasponew din id-dispożizzjoni xejn.

3.3. Istigazzjoni, għajnuna u kompliċità, u tentattiv (l-Artikolu 4)

L-Artikolu 4(1) jistipula li jiġu kkriminalizzati l-istigazzjoni, l-għajnuna u l-kompliċità fir-rigward tar-reati kollha fl-Artikolu 3 tad-Direttiva.

Skont l-Artikolu 4(2), it-tentattiv għandu jkun punibbli wkoll bħala reat kriminali iżda biss fir-rigward ta' reati ta' produzzjoni u distribuzzjoni, u b'hekk mhux għal reati preparatorji.

Il-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet parzjali ġenerali tal-Istati Membri fil-kodiċijiet kriminali rispettivi tagħhom jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti. Ftit Stati Membri daħħlu referenza speċifika biex jikkriminalizzaw it-tentattiv taħt kull reat individwali kif deskritt taħt id-Direttiva.

3.4. Sanzjonijiet għall-persuni fiżiċi (Artikolu 5)

L-Artikolu 5(1) jobbliga li l-Istati Membri jaraw li jkun hemm sanzjonijiet kriminali effettivi, xierqa u dissważivi fuq kull forma ta' reat skont l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva.

Skont l-Artikolu 5(2), ir-reati msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 3(1) (**reati preparatorji**), fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 3(3) fir-rigward tal-punt (d) tal-Artikolu 3(1), għandhom ikunu punibbli b'sanzjoni massima li tipprovdi għal priġunerija.

Skont l-Artikolu 5(3), ir-reati li jissemmew fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) (**reati ta' produzzjoni**) u fl-Artikolu 3(3) fir-rigward tal-aġir imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) għandhom ikunu punibbli b'sentenza massima ta' priġunerija ta' mill-inqas tmien snin.

Skont l-Artikolu 5(4), ir-reati li jissemmew fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 3(1) (**reati ta' distribuzzjoni**) u fl-Artikolu 3(3) fir-rigward tal-aġir imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 3(1) għandhom ikunu punibbli b'sentenza massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ħames snin.

3.4.1. Sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi - l-Artikolu 5(1)

Il-konformità mal-Artikolu 5(1) tkejlet skont:

a) il-livell ta' sanzjonijiet ta' reati kriminali ekwivalenti bħall-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti jew il-ħasil ta' flus;
b) tipi oħra ta' reati fil-liġi nazzjonali rispettiva li jipprevedu l-istess livell ta' sanzjonijiet.

L-Istati Membri kollha kienu konformi ma' dawn il-kriterji ġenerali ta' evalwazzjoni. Madankollu, sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi skont id-Direttiva jirrekjedu wkoll konformità mal-livell ta' sanzjonijiet kif iddefinit fl-Artikoli 5(2) sa (4).

3.4.2. Sanzjoni massima ta' priġunerija għal reati preparatorji - l-Artikolu 5(2)

Kważi l-Istati Membri kollha pprovdew għal priġunerija bħala sanzjoni għal reati preparatorji.

3.4.3. Sanzjoni massima ta' mill-anqas ta' tmien snin - Artikolu 5(3)

Fir-rigward tal-Artikolu 5(3) – (reati ta' produzzjoni), tlettax-il Stat Membru ttrasponew id-Direttiva b'mod korrett, jiġifieri dawn l-Istati Membri pprovdew għal sentenza massima ta' mill-inqas tmien snin priġunerija għal xi wħud mill-każijiet stabbiliti mid-Direttiva fil-liġi nazzjonali .

Hemm kwistjonijiet ta' traspożizzjoni f'għadd ta' Stati Membri li jipprovdu għal sanzjoni massima ta' mill-inqas tmien snin biss għal forom "severi" tar-reat ta' produzzjoni u/jew li jipprovdu għal sanzjonijiet massimi ta' inqas minn tmien snin għall-każijiet "minuri" u/jew għall-każijiet fejn japplikaw ċirkostanzi mitiganti. F'xi Stati Membri jeżistu definizzjonijiet ta' x'inhu każ "sever" jew "minuri" rispettivament, f'liema każ ikunu japplikaw ċirkostanzi mitiganti, u f'oħra ma jeżistux. Fi kwalunkwe każ, id-Direttiva ma tillimitax is-sanzjoni massima ta' tmien snin biss għal ċerti kategoriji (severi jew mhux minuri) tar-reati msemmija fl-Artikolu 5(3).

3.4.4. Sanzjoni massima ta' mill-anqas ħames - l-Artikolu 5(4)

Fir-rigward tal-Artikolu 5(4) – (reati ta' distribuzzjoni), ħdax-il Stat Membru kkonformaw mad-dispożizzjoni, jiġifieri pprovdew biex ikun hemm sentenza massima ta' ħames snin priġunerija għar-reati ta' distribuzzjoni msemmija .

F'għadd ta' Stati Membri hemm kwistjonijiet simili ta' traspożizzjoni kif deskritt hawn fuq taħt l-Artikolu 5(3): xi Stati Membri jipprovdu għal sentenzi massimi ta' priġunerija ta' inqas minn ħames snin, jew sentenzi ta' anqas minn ħames snin priġunerija f'każijiet "minuri" jew "minuri ħafna" jew f'ċirkostanzi "mitiganti". Stat Membru wieħed japplika, bħala priġunerija ta' anqas minn ħames snin ta' sanzjoni massima għal reati marbuta mad-distribuzzjoni ta' muniti metalliċi foloz, perjodu massimu ta' sitt xhur jew multa flimkien ma' mhux aktar minn sena priġunerija. Fi Stat Membru wieħed ma hemmx provvidiment għal priġunerija minħabba r-riċeviment ta' munita falza.

3.4.5. Il-klawżola fakultattiva (riċevuta mingħajr għarfien ta' falsifikazzjoni/trasferiment lil terzi b'għarfien) - Artikolu 5(5)

Skont l-Artikolu 5(5), fir-rigward tar-reati msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 3(1) – (reati ta' distribuzzjoni), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal sanzjonijiet kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 5(4) ta' dan l-Artikolu, inklużi multi u priġunerija, jekk il-munita falza tkun ġiet riċevuta mingħajr għarfien ta' falsifikazzjoni, iżda mgħoddija lil terzi bl-għarfien ta' dan. Tmintax-il Stat Membru għamlu użu minn din l-opzjoni.

Fost dawk l-Istati Membri li applikaw din l-opzjoni, jistgħu jiġu applikati diversi sanzjonijiet minflok dawk imposti fil-paragrafu 4, bħal perjodi (aktar baxxi) ta' priġunerija, ta' multi jew forom oħra ta' restrizzjonijiet.

3.5. Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi (l-Artikolu 6)

L-Artikolu 6(1) jistabbilixxi l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, jekk ikunu twettqu għall-benefiċċju tagħhom minn persuni li jkollhom responsabbiltajiet partikolari fi ħdan l-entità ġuridika, jiġifieri:

a) is-setgħa li jirrappreżentaw il-persuna ġuridika;
b) l-awtorità li jieħdu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika;
c) l-awtorità li jeżerċitaw kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

L-Artikolu 6(2) jistipula r-responsabbiltà tal-persuna ġuridika anke meta r-reat skont l-Artikolu 3 u 4 jkun sar possibbli minħabba nuqqas ta' kontroll jew superviżjoni minn persuna msemmija fl-Artikolu 6(1).

L-Artikolu 6(3) jistipula li r-responsabbiltà kriminali ta' persuna ġuridika m'għandhiex teskludi r-responsabbiltà kriminali ta' xi persuna fiżika li tkun wettqet reat skont l-Artikoli 3 u 4.

3.5.1. Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi - l-Artikolu 6(1)

L-Istati Membri kollha għandhom skemi stabbiliti li jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għal dawn ir-reati kriminali.

Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri llimitaw ir-responsabbiltà kriminali ta' persuni ġuridiċi għal reati mwettqa minn persuni li jkollhom ċerti responsabbiltajiet fi ħdan l-entità ġuridika, f'konformità mad-Direttiva. Filwaqt li għadd ta' Stati Membri ttrasponew id-Direttiva kelma b'kelma jew kważi kelma b'kelma, oħrajn – minflok jiddeskrivu r-responsabbiltajiet – għażlu li jiddeskrivu l-pożizzjonijiet u l-funzjonijiet fi ħdan l-entità legali (bħal maniġer, membru ta' bord jew korp statutorju, uffiċjal għoli jew simili). F'dawn il-każijiet, skont il-liġijiet nazzjonali rispettivi, il-pożizzjonijiet rilevanti jkunu mlaqqgħin ma' xi dritt jew setgħa ta' rappreżentazzjoni tal-persuna ġuridika, rispettivament, li tieħu deċiżjonijiet u li teżerċitaa kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

Ftit Stati Membri għażlu termini ġenerali ħafna bħal "mexxejja", "persuni responsabbli", "persuni li jaġixxu f'isem il-persuna ġuridika" jew applikaw "duttrina ta' attribuzzjoni raġonevoli" biex jistabbilixxu r-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi.

3.5.2. Responsabbiltà kriminali ta' persuni ġuridiċi f'każijiet ta' nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll – l-Artikolu 6(2)

Il-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponew l-Artikolu 6(2).

3.5.3. Ir-responsabbiltà kriminali ta' persuni ġuridiċi ma għandhiex teskludi r-responsabbiltà tal-persuni fiżiċi - l-Artikolu 6(3)

Il-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponew l-Artikolu 6(3).

3.6. Sanzjonijiet kontra persuni ġuridiċi (l-Artikolu 7)

L-Artikolu 7 jistipula li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi għal persuni ġuridiċi li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal sanzjonijiet oħra mhux finanzjarji. L-Artikolu, fl-ittri tiegħu (a) sa (e) fih lista mhux eżawrjenti ta' opzjonijiet għal sanzjonijiet addizzjonali bħal dawn.

Il-konformità mal-Artikolu 7 tkejlet skont:

a) il-livell ta' sanzjonijiet ta' reati kriminali ekwivalenti bħall-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti jew il-ħasil ta' flus;
b) tipi oħra ta' reati fil-liġi nazzjonali rispettiva li jipprevedu l-istess livell ta' sanzjonijiet.

Fir-rigward ta' a) il-livell ta' sanzjonijiet ta' reati ekwivalenti jenħtieġ li jkun fil-medda ta' reati ta' ffalsifikar skont id-Direttiva. Fir-rigward ta' b) reati li jipprovdu għall-istess livell ta' sanzjonijiet bħar-reati ta' ffalsifikar skont id-Direttiva jenħtieġ li jkunu ekwivalenti jew simili għal reati ta' ffalsifikar fir-rigward tal-gravità jew il-periklu għal beni jew interessi pubbliċi.

Meta – bħal fil-każa ta' ħafna Stati Membri – il-livell tal-multi ma kienx marbut mal-benefiċċju tad-delitt jew mal-fatturat tal-entità legali, u meta l-livell tal-multi tqies li kien baxx, ġew ikkunsidrati s-sanzjonijiet fakultattivi. Meta fil-liġi nazzjonali rispettiva jkun hemm provvident għal aktar sanzjonijiet kumulattivi (eż. l-esklużjoni minn intitolament għal benefiċċji pubbliċi, stralċ ġudizzjarju, eċċ.) apparti multi, is-sistema ta' sanzjonijiet f'dak l-Istat Membru kienet – fil-prinċipju – kkunsidrata bħala li hija f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

Kontra dawn il-kriterji, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew l-Artikolu 7 tad-Direttiva. Stat Membru wieħed biss ma rabatx il-livell ta' multi mal-benefiċċju miksub mir-reat kriminali u ma pprovdiex għal sanzjonijiet kumulattivi għajr multi.

3.7. Ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 8)

L-Artikolu 8(1) jobbliga lill-Istati Membri li jistabbilixxu ġurisdizzjoni fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 skont:

a) il-prinċipju ta' territorjalità (reati mwettqa kompletament jew parzjalment fuq it-territorju tal-Istat Membru)
b) il-prinċipju tal-personalità attiva (reati mwettqa minn ċittadin ta' Stat Membru)

L-Artikolu 8(2) jipprovdi għal ġurisdizzjoni ekstraterritorjali u jobbliga lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro biex jistabbilixxu l-ġuriżdizzjoni wkoll meta r-reat jitwettaq barra mill-pajjiż, tal-anqas jekk ir-reat ikun relatat mal-euro, u

a) jekk l-awtur tar-reat ikun fit-territorju tal-Istat Membru u ma jkunx ġie estradit
b) jekk il-munita falza tinstab fit-territorju tal-Istati Membru

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) jipprovdi li fir-rigward ta' reati ta' produzzjoni (l-Artikolu 3(1)(a)) u reati relatati ma' reati ta' produzzjoni (skont l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4), dawn l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ġuriżdizzjoni extraterritorjali tagħhom ma tkunx bil-kundizzjoni li l-atti jiġu kriminalizzati fil-post fejn jitwettqu.

3.7.1. Il-prinċipju tat-territorjalità - l-Artikolu 8(1)(a)

L-Istati Membri kollha stabbilew il-prinċipju tat-territorjalità kif stipulat fl-Artikolu 8(1)(a) permezz ta' dispożizzjonijiet ġenerali espliċiti li reati kriminali mwettqa kollha jew parzjalment fit-territorju tagħhom jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom. Il-parti l-kbira tal-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri fihom dispożizzjonijiet espliċiti li jestendu l-ġuriżdizzjoni wkoll għal reati mwettqa "parzjalment" fit-territorju nazzjonali. Fi Stati Membri oħra, li ma jiddistingwux bejn "totalment" jew "parzjalment", tista' tiġi dedotta kopertura taż-żewġ alternattivi.

Kważi l-Istati Membri kollha ttrasponew b'mod korrett il-prinċipju tal-personalità attiva kif stipulat fl-Artikolu 8(1)(b). B'mod ġenerali, l-Istati Membri jobbligaw li l-awtur tar-reat ikun ċittadin fil-mument li r-reat ikun twettaq. Xi Stati Membri jestendu l-ġurisdizzjoni tagħhom ukoll għal persuni li jkunu akkwistaw in-nazzjonalità tagħhom wara li r-reat kriminali ikun twettaq.

Jeżistu kwistjonijiet fir-rigward tal-Artikolu 8(1)(a), pereżempju, fejn skont il-liġi tat-traspożizzjoni, atti kommessi parzjalment fuq it-territorju nazzjonali jiġu esklużi mill-ġurisdizzjoni nazzjonali jekk min wettaqhom ikun jinsab barra mill-pajjiż.

3.7.2. Ġurisdizzjoni ekstraterritorjali – l-Artikolu 8(2)

Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hi l-euro ttrasponew l-Artikolu 8(2)(a). Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rreferew b'mod espliċitu għall-elementi kollha tad-dispożizzjoni tad-Direttiva, inkluż il-fatt li l-awtur tar-reat ma jkunx ġie estradit. Fl-Istati Membri l-oħra d-dispożizzjonijiet ġurisdizzjonali eżistenti huma meqjusa wiesgħa biżżejjed biex jinkludu l-elementi kollha tal-Artikolu 8(2)(a).

Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri ma ttrasponew xejn l-Artikolu 8(2)(b).

Il-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponew it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2). Jew tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni (b'mod espliċitu jew le) irrispettivament minn jekk ir-reat huwiex kriminalizzat fl-istat fejn twettaq ir-reat, jew tkun saret eċċezzjoni espliċita mill-prinċipju ġenerali ta' kriminalità doppja għal reati kriminali msemmija fid-Direttiva u trasposta fil-liġi nazzjonali.

Jeżistu kwistjonijiet ta' traspożizzjoni f'xi Stati Membri, li japplikaw il-prinċipju tal-kriminalità doppja għar-reati skont id-Direttiva, jiġifieri dejjem jitolbu li l-atti jkunu jikkostitwixxu reat ukoll fil-post fejn ikunu twettqu. Fi Stat Membru ieħor, ir-rekwiżit ta' kriminalità doppja huwa eżentat biss fejn ir-reat jikser l-interessi tal-Istati Membri jew meta l-awtur tar-reat ma jkunx jista' jiġi estradit.

3.8. Għodod investigattivi (l-Artikolu 9)

L-Artikolu 9 jobbliga lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jkun hemm disponibbli għodod investigattivi effettivi, bħal dawk li jintużaw fil-każijiet ta' kriminalità

organizzata jew f'każijiet oħra ta' delitti serji, għall-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmijin fl-Artikoli 3 u 4.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-possibbiltà tal-użu, jew in-nuqqas ta' użu, tal-aktar miżuri investigattivi intrużivi jiddependi mil-livell tal-pieni disponibbli għal ċerta kategorija ta' kriminalità. Il-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri oħra tirreferi b'mod espliċitu għar-reati li għalihom japplikaw ċerti miżuri investigattivi.

Il-miżuri investigattivi disponibbli għal reati serji fl-Istati Membri kollha huma l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet, is-sorveljanza sigrieta inkluża s-sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ tal-kontijiet tal-bank u investigazzjonijiet finanzjarji oħra. Hemm għodod investigattivi oħra disponibbli fi Stati Membri individwali jew f'diversi Stati Membri, skont il-liġi nazzjonali tagħhom.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponew din id-dispożizzjoni. Jezistu kwistjonijiet fejn ċerti għodod investigattivi ikunu applikabbli għal xi istituzzjoni ta' kreditu, forniturі ta' servizzi ta' pagament u operaturi ekonomiċi oħra msemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament 1338/2001 iżda mhux għal "persuni" oħrajn (eż. persuni fiżiċi u ġuridiċi).

F'xi Stati Membri, ir-reati preparatorji fl-Artikolu 3(1)(d) tad-Direttiva ma jikkwalifikaw xejn għal miżuri ta' investigazzjoni ta' reati kriminali serji jew jikkwalifikaw għal biss uħud mill-miżuri disponibbli ta' investigazjoni ta' reati kriminali. Ftit Stati Membri – għall-kuntrarju tad-Direttiva – introduċew forom "żgħar" tar-reati skont id-Direttiva li ma jikkwalifikawx – skont il-liġi nazzjonali tagħhom – għall-użu ta' għodod investigattivi użati għal każijiet ta' kriminalità serja.

3.9. L-obbligu tat-trażmissjoni ta' karti u muniti foloz tal-euro għall-analiżi u s-sejba ta' flus foloz (l-Artikolu 10)

L-Artikolu 10 jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jippermettu mingħajr dewmien li matul il-proċedimenti kriminali issir analiżi ta' karti u muniti foloz tal-euro miċ-Ċentri għall-Analiżi Nazzjonali (NACs) u miċ-Ċentri Nazzjonali għall-Analiżi tal-Muniti (CNACs) biex dawn ikunu jistgħu janaliżżaw, jidentifikaw u jiskopru aktar flus foloz. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jibagħtu l-kampjuni meħtieġa bla ebda dewmien, u sa mhux aktar tard minn meta tkun intlaħqet deċiżjoni finali rigward il-proċedimenti kriminali.

Seba' Stati Membri biss ittrasponew din id-dispożizzjoni fil-liġi nazzjonali tagħhom. Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri ma ttrasponewx b'mod adegwat din id-dispożizzjoni. Filwaqt li xi Stati Membri ma ttrasponew xejn din id-dispożizzjoni, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kellhom kwistjonijiet bit-traspożizzjoni sħiħa tal-elementi individwali tad-dispożizzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet ta' traspożizzjoni jeżistu fir-rigward ta' (i) id-dewmien li fih għandha tiġi trażmessa l-munita falza u (ii) l-iskopijiet (l-analiżi, l-identifikazzjoni u l-iskoperta ta' aktar flus foloz) li għalihom għandha tiġi eżaminata l-munita falza.

3.10. L-istatistika (l-Artikolu 11)

L-Artikolu 11 jistabbilixxi l-obbligu għall-Istati Membri li jittrażmettu *data* statistika lill-Kummissjoni Ewropea mill-inqas kull sentejn.

Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri ma ttrasponew din id-dispożizzjoni xejn, jew inkella mhux b'mod adegwat. Fl-2018, fuq talba tal-Kummissjoni, il-maġġoranza tal-Istati Membri ttrażmettew il-materjal statistiku –kif kien jinsab fid-bażijiet ta' *data* nazzjonali tagħhom. F'xi Stati Membri l-eżattezza tad-*data* statistika kif ukoll il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri differenti biex tingħabar din id-*data* jistgħu jittejbu aktar.

4. Konklużjonijiet

Id-Direttiva ġiet introdotta bil-ħsieb li jissaħħaħ il-qafas legali b'dispożizzjonijiet dwar il-livell ta' sanzjonijiet, l-għodod investigattivi u l-analiżi, l-identifikazzjoni u l-iskoperta ta' karti u muniti tal-euro foloz matul il-proċedimenti ġudizzjarji.

B'mod ġenerali, id-Direttiva tipprovdi valur miżjud tal-UE billi tgħolli l-livell ta' protezzjoni kontra l-iffalsifikar mhux biss tal-euro iżda wkoll ta' muniti oħra permezz ta' miżuri tal-liġi kriminali b'dispożizzjonijiet imtejba dwar il-livell ta' sanzjonijiet, l-għodod investigattivi u l-analiżi, l-identifikazzjoni u l-iskoperta ta' karti u muniti tal-euro foloz matul il-proċedimenti ġudizzjarji.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponew b'mod konformi l-Artikolu 3 u 4 tad-Direttiva dwar il-kriminalizzazzjoni ta' ċerti reati, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 dwar il-pieni li jintroduċu sanzjoni massima ta' mill-inqas ħames snin għad-distribuzzjoni u sanzjoni massima ta' mill-inqas tmien snin għall-produzzjoni ta' munita falza kif ukoll id-dispożizzjoni fl-Artikolu 9 li tobbliga lill-Istati Membri jipprovdu għall-possibbiltà li jintużaw ċerti għodod investigattivi.

Il-valutazzjoni turi li bħalissa ma hemm l-ebda ħtieġa li tiġi riveduta d-Direttiva, iżda jenħtieġ li l-applikazzjoni tagħha tittejjeb. B'mod ġenerali, il-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ġew trasposti mill-maġġoranza tal-Istati Membri. Madankollu, kważi l-Istati Membri kollha għandhom kwistjonijiet ta' traspożizzjoni b'dispożizzjoni waħda jew aktar, kif indikat fit-taqsimiet preċedenti.

Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mad-Direttiva u se tieħu kull miżura xierqa sabiex tiżgura li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha madwar l-Unjoni Ewropea kollha.